31990D0631

L 340/24 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 6.12.1990

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat-30 ta' Novembru 1990
## li temenda d-Deċiżjoni 89/196/KEE, Euratom, KEFA li tistabbilixxi regoli dettaljati għad-deklassifikazzjoni ta' dokumenti protetti bis-sigriet professjonali jew kummerċjali

(90/631/Euratom, KEFA, KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 ta' l-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku ta' l-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 359/83/KEFA tat-8 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku ta' l-arkivji storiċi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar ([2]), u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi, taħt ir-regoli dwar il-ftuħ għall-pubbliku ta' l-arkivji storiċi tal-Komunitajiet, dokumenti u *rekords* protetti bl-obbligazzjoni tas-sigriet professjonali jew kummerċjali ma jistgħux jiġu rilaxxati għall-pubbliku kemm-il darba l-persuna jew l-impriża kkonċernata ma tqajjimx oġġezzjoni; billi, biex dan iseħħ, il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-intenzjoni li tirrilaxxa d-dokumenti u r-*rekords* lill-pubbliku;

Billi bil-ftuħ għall-pubbliku ta' l-arkivji tal-Komunità Ekonomika Ewropea, in-numru ta' dokumenti li jistgħu jiġu deklassifikati ser jiżdiedu konsiderevolment;

Billi in-notifikazzjoni qabel tal-persuni individwali jew imprizi kkonċernati ta' spiss tkun diffiċli, speċjalment fl-eventwalità ta' tibdil fl-indirizz jew fl-istat legali;

Billi, biex tassigura li l-proċedura għall-ftuħ għall-pubbliku ta' l-arkivji storiċi tal-Komunitajiet titħaddem b'mod effiċjenti provizzjoni għandha tkun magħmula biex tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tinforma l-persuna jew l-impriża kkonċernata permezz ta' avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*,

IDDEĊIEDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/196/KEE, Euratom, KEFA ([3]) huwa hawnhekk mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Bil-għan li jiġi applikat l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83 jew l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 359/83/KEFA, il-Kummissjoni ser tippubblika avviż fil-*Ġurnal Ufficjali tal-Komunitajiet Ewropej* biex tinforma l-persuni jew l-impriżi konċernati li għandha l-intenzjoni li tirrilaxxa għall-pubbliku dokument jew *rekord* protett bl-obbligazzjoni tas-sigriet professjonali jew kummerċjali u tistieden il-persuna jew l-impriża konċernata biex tissottometti xi oġġezzjonijiet f'perjodu ta' tmien ġimgħat.

Jekk ma titqajjem ebda oġġezzjoni f'dan il-perjodu, id-dokument jew *rekord* jiġi rilaxxat lill-pubbliku."

*Artikolu 2*

Din id-Deċżjoni għandha applika b'effett mit-30 ta' Novembru 1990.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Novembru 1990.

*Għall-Kummissjoni*

Jacques DELORS

*Il-President*

---

([1]) ĠU L 43, tal-15.2.1983, pġ. 1.
([2]) ĠU L 43, tal-15.2.1983, pġ. 14.
([3]) ĠU L 73, tas-17.3.1989, p. 52.